FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 12 TA' JANNAR 2016

Il-Pulizija

Spettur Trevor Micallef

vs

Samir Almiri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' Nazzjonalita' Libyana u detentur ta' karta tal-identita' 142003A akkuzat talli:

1. nhar it-18 ta' Ottubru 2015 ghal habta tal-hamsa neqsin ghoxrin (04.40pm), minn Telghet San Giljan, Sam Giljan, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li jisraq handbag ghad-dannu ta' Angelica Farrugia u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq kieku sehh kien ikun aggravat bil-Valur, Art 41(1)(a), 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lil hati bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li dan kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema sommarjamnet mhux opposta;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah disa' xhur habs.

A.M.Trigona

Magistrat